# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 15 ta' Dicembru 2020**

**Kawza Numru: 5**

**Rikors Ġuramentat Numru:- 803/2019 JVC**

**Munir Al Faitoury Busuttil**

**vs**

**Id-Direttur tar-Registru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Munir Al Faitoury Busuttil ikkonferma bil-gurament u talab kif isegwi:

'ILLI l-esponenti twieled f'Tal-Pieta' Malta fit-12 ta' Ottubru, 1990, minn missier ta' nazzjonalita' Lebaniza Nabhan Mohammed lssa Al Faitoury u omm ta' nazzjonalita' Maltija Jacqueline Al Faitoury

xebba Busuttil skont ic-certifikat tat-twelid (Att tat-Twelid Numru: 4948/90) hawn anness;

ILLI l-esponenti jispjega li l-genituri tieghu kienu legalment isseparaw fl-24 ta' Mejju, 2006 in atti tan-Nutar Dr Elena Farrugia (vide kopja tal-kuntratt hawn anness) li pultroppo ma kkontempla l-ebda tibdil fl-isem tal-esponenti kif jixtieq hu;

ILLI meta l-esponenti kien ghadu tfal, kien ikun suggettat ghall-*bullying* inkluz l-iskola u dan minhabb li ismu kien appuntu Munir Al Faitoury;

ILLI sussegwentament, matul hajtu, l-esponenti kien ghazel u fil-fatt baqa' maghruf bhala 'Leo Busuttil' u dan kif jixhdu kopja tad-dokumenti annessi, fosthom (a) fuq il-kuntratti tax-xoghol tieghu, (b) mal-*employers* passati u prezenti tieghu, (c) fir-rigward tar-registrazzjoni tieghu mal-Jobsplus, (d) mal-Institute of Financial Services (Malta) minn fejn ghandu Diploma in Banking and Financial Services, (e) mad-Digital Marketing Institute minn fejn iggradwa b'Professional Diploma in Digital Marketing, (f) mill-Malta College of Arts, Science & Technology (MCAST), (g) fuq ic-*cheques* mahruga mill-Banif Bank (Malta) plc illum ahjar maghruf bhala BNF Bank plc, (h) fuq il-VISA Card, (i) mal-Global Capital (Private Clinic scheme), (j) mal-Corinthia Plus, (k) ma' St. John Ambulance, (l) mal-Bicycle Advocacy Group (Malta), (m) fuq is-*social media profiles* bhal *Instagram, Facebook u Linkedln*, (n) kif ukoll socjalment kif jixhdu d-diversi testimonjanzi hawn annessi oltre (0) ukoll meta jkun invitat ghal attivitajiet socjali bhal tigijiet;

In vista ta' dak fuq spjegat, l-esponenti qieghed isib ruhu f'certu diffikultajiet biex ma jghidx f'sitwazzjonijiet imbarazzanti ghall-

ahhar meta noncio' huwa ben maghruf bhala 'Leo Busuttil', ikollu jipprezenta dokumenti ufficcjali bhal Karta tal-Identita' Maltija, bhall-Passaport Malti u bhal licenzja tas-sewqan tieghu (vide kopja hawn annessi) jew addirittura meta jipprezenta ruhu bic-certifikati akkademici tieghu, bil-*credit card,* ecc.;

ILLI l-esponenti jqis illi ladarba huwa ilu konsistentament, maghruf u msejjah bhala 'Leo Busuttil' matul hajtu u mhux bl-isem indikat fl-att tat-twelid tieghu, huwa opportun illi jsir il-bdil relattiv ai termini tal-Artikolu 253 (2) tal-Kodici Civili.

GHALDAQSTANT, l-esponenti umilment jitlob lil din l-Onorabbli Qorti:

1. Tiddikjara li l-isem l-esponenti ilu maghruf bih, konsistentament tul hajtu hu dak ta' 'Leo Busuttil' u mhux 'Munir Al Faitoury' jew 'Munir Al Faitoury Busuttil' ai termini tal-Artiklu 253 (2) tal-Kodici Civili.

2. Tordna biex jigi effetwat it-tibdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrenti minn 'Munir Al Faitoury' jew 'Munir Al Faitoury Busuttil' ghal Leo Busuttil b'dan illi tali bdil jigi effetwat fl-Att ta' Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni erbat elef disa' mija tmienja u erbghin tas-sena elf disgha mija u disghin (4948/90) kemm taht il-kolonna ta' ismijiet moghtijin kif ukoll taht il-kolonna tal-isem li ghandu jigi msejjah bih.'

Rat ir-risposta guramentata tad-Direttur tar-Registru Pubbliku li eccepixxa kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament l-esponent jecepixxi illi Artikolu 253 tal-Kodici Civili, jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet f'ismijiet u mhux f'kunjomijiet salv pero' jekk ma jkunx hemm xi zball genwin li ghandu jkun wiehed car u evidenti, hekk kif gie enuncjat fid-dibattiti parlamentari u giurisprudenza nostrana;

2. Illi minghjar pregudizzju ghas-suespost u ghal dak li jikkoncerna mal-mertu tal-kawza, l-esponent jistqarr illi ma huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat;

3. Illi l-esponent umilment jirrileva illi t-talbiet attrici huma maqsuma fi tnejn u cjoe': (i) korrezzjoni fl-isem sabiex minn *'Munir'* jigi *'Leo'*, u (ii) korrezzjoni fil-kunjom sabiex minn *'Al Faitoury Busuttil'* jigi *'Busuttil'*;

4. Illi **fl-ewwel lok u fir-rigward tal-korrezzjoni fl-isem**, l-esponent jirrimetti ruhu ghat-talba kif dedotta, salv pero' li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi u dan sabiex tkun imsahha l-pozizzjoni tar-rikorrenti u cioe' illi tul hajjtu l-attur kien dejjem konsistentament msejjah bhala *'Leo'* u mhux *'Munir'*;

5. Illi bla hsara ghal fuq espost, l-esponent jeccepixxi illi r-Registru Pubbliku m'ghandux jinzamm responsabbli ta' din id-diskrepanza fl-isem tar-rikorrenti stante li fil-kaz *de quo,* fuq l-Att tat-Twelid in kwistjoni, hawn anness u mmarkat bhala 'Dok. DRP 1', l-informazzjoni inserita kienet iddikjarata u kkonfermata mill-missier. Ghaldaqstant, dan

juri bic-car illi fil-kaz odjern ma jirrizultax illi kien sar xi nuqqas min-naha tar-Registru Pubbliku;

6. Illi **fit-tieni lok u fir-rigward tal-korrezzjoni fil-kunjom,** l-esponent joggezzjona ghat-talba kif dedotta, in vista tal-fatt illi bhala regola generali, il-ligi Maltija ma taghti l-ebda lok sabiex dan isir. Madanakollu, l-unika eccezzjonijiet fejn il-Qorti tilqa' t-talba sabiex ikun hemm tibdil fil-kunjom huwa biss proprju meta jkun hemm xi zball genwin, liema zball jkun car u evidenti;

7. Illi maghdud mal-premess, l-esponent jirrileva illi l-kunjom li l-attur assuma mit-twelid tieghu ma nghatax lilu bi 'zball'. Ghandu jigi sottolinejat illi ulied li jitnisslu u jitwieldu fiz-zwieg, ghandhom jassumu kunjom missierhom ma' liema jista' jizdied dak il-kunjom tax-xbubit l-omm. Ghaldaqstant huwa car li l-attur assuma l-kunjom '*Al Faitoury*' mat-twelid u dan in vista tal-Artikolu 4 tal-Kodici Civili, u sussegwentament fit-18 ta' Dicembru 2015 l-attur ghazel li jiprevalixxi ruhu minn Artikolu 4 sb-inciz 3 tal-istess Kodici sabiex permezz tal-Formola T huwa zied kunjom xbubit ommu u cjoe' '*Busuttil*' ma' dak ta' missieru. Dan fil-fatt jidher fl-annotazzjoni tal-Att tat-Twelid tal-attur;

8. Illi l-kwistjoni tal-korrezzjoni fil-kunjom hija wahda purament legali u d-Direttur konvenut huwa tal-umli fehma illi huwa rregistra kunjom l-attur b'mod ekwu abbazi tal-ligi nostrana. Din l-azzjoni ma tibbazax ruhha fuq zball genwin, tant illi f'ebda istanza ma' l-attur iddikjara li d-Direttur esponet ha zball fir-registrazzjoni tieghu;

9. Illi bla hsara ghas-suespost, l-esponent huwa tal-umli fehma illi m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza istanti stante li ma jirrizultax li d-Direttur agixxa b'mod illegali jew hazin.

10. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjez kontra l-attur li qieghed jigi ingunt in subizzjoni.'

Rat l-affidavit, xiehda, certifikati, kuntratt, applikazzjoni maghrufa bhala Formula T, dokumenti u l-provi kollha esebiti fl-atti;

Rat in-nota tal-attur datata 16 ta' Jannar, 2020 fejn permezz taghha huwa nforma lill-Qorti li huwa dispost li jtella' jixhdu l-persuni kollha li ghandhom x'jaqsmu jew kellhom x'jaqsmu mad-dokumenti pprezentati li juru l-isem tal-attur bhala dak ta' Leo Busuttil;

Rat id-digriet ta' din il-Qorti kif preseduta tal-21 ta' Jannar, 2020 fejn ezentat lir-rikorrent milli jtella' xhieda sabiex jikkonfermaw il-kopji tac-certifikati mahruga mid-Direttur intimat;

Rat illi fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020 ir-rikorrent kkonferma d-dokumenti bhala vera kopja tal-original;

Rat illi fil-verbal tal-20 ta' Settembru, 2020 il-kawza thalliet ghad-decizjoni ghal-lum bil-fakulta' li l-partijiet jaghmlu s-sottomissjonijiet taghhom bil-miktub f'termini mposti fuqhom;

Rat is-sottomissjonijiet esebiti fl-atti;

Rat l-atti kollha.

**Ikkunsidrat;**

Illi din il-kawza giet intavolata a tenur tal-Artikolu 253 *et sequitur* tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta). Permezz tal-kawza odjerna l-attur Munir Al Faitoury Busuttil qieghed jitlob illi ssir korrezzjoni f'ismu u f'kunjomu billi jigu sostitwiti minn dak ta' 'Munir Al Faitoury Busuttil' ghal dak ta' 'Leo Busuttil', liema tibdil ghandu jigi rifless fl-Att ta' Twelid tieghu bin-numru ta' iskrizzjoni 4948 tas-sena 1990 kemm taht il-kolonna ta' ismijiet moghtija, kif ukoll taht il-kolonna tal-isem li ghandu jigi msejjah bih.

Illi fir-risposta tieghu pprezentata nhar is-17 ta' Ottubru, 2019 (a fol. 40 *et seq* tal-process) il-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku eccepixxa preliminarjament illi l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet u mhux fil-kunjomijiet salv pero' jekk ikun rizultat ta' zball genwin. Fil-mertu eccepixxa li m'huwiex edott mill-fatti kif gew iddikjarati fir-rikors guramentat. Id-Direttur intimat irrileva li t-talbiet attrici huma maqsuma fi tnejn u cioe' (i) korrezzjoni fl-isem minn 'Munir' ghal 'Leo', u (ii) korrezzjoni fil-kunjom minn 'Al Faitoury Busuttil' ghal 'Busuttil'. Fir-rigward l-ewwel talba, d-Direttur intimat irrimetta ruhu ghat-talba kif dedotta salv li l-provi jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi. Fir-rigward t-tieni talba, d-Direttur intimat oggezzjona ghat-talba stante li l-ligi Maltija ma taghti l-ebda lok sabiex issir tali korrezzjoni u l-unika eccezzjonijiet fejn il-Qorti tilqa' tali talba huwa biss fejn ikun hemm zball genwin, li jkun wiehed car u evidenti. Id-Direttur intimat jinsisti li l-kaz

odjern m'huwiex kaz ta' zball genwin. Finalment eccepixxa illi huwa tal-fehma li m'ghandux jigi assoggettat ghall-ispejjez tal-kawza stante li ma jirrizultax li d-Direttur agixxa b'mod illegali jew hazin.

Rat illi fl-10 ta' Settembru, 2019 saret id-debita pubblikazzjoni fil-Gazzetta tal-Gvern hekk kif mitluba mil-ligi.

Illi kronologikament din il-Qorti sejra tibda billi l-ewwel titratta t-talba relatata mal-korrezzjoni tal-isem, u t-tieni sejra tghaddi sabiex titratta t-talba relatata mal-korrezzjoni tal-kunjom tal-attur.

**<u>Korrezzjoni tal-isem minn 'Munir' ghal 'Leo':</u>**

Illi fir-rikors guramentat l-attur Munir Al Faitoury Busuttil ressaq talba sabiex ikun hemm kambjament f'ismu billi minn dak ta' Munir jigi sostitwit b'dak ta' Leo.

Illi da parte tad-Direttur intimat fir-rigward din it-talba fir-raba' punt eccepixxa li huwa qieghed jirrimetti ruhu ghat-talba kif dedotta salv li l-provi migjuba jkunu l-ahjar u sodisfacenti f'ghajnejn il-ligi.

Illi l-attur Munir Al Faitoury Busuttil xehed bil-procedura tal-affidavit a fol. 48 tal-process fejn beda billi qal li l-isem tieghu ta' Munir kien intghazel minn missieru li kien ta' nazzjonalita' Lebaniza. Stqarr li huwa qatt ma hassu konness mal-kultura jew l-identita' Lebaniza u matul tfulitu huwa kien vittma ta' bullying qawwi li rrizulta f'self-esteem baxx u 'nervous tic'. Stqarr li ghal bidu huwa kien beda jaghmel uzu tal-isem Leo u l-kunjom Busuttil minn wara dahar missieru peress li kien strett hafna dwar

kwistjonijiet ta' religjon u kultura Musulmana. Madanakollu s-sitwazzjoni nbidlet wara li ommu u missieru kienu sseparaw fejn huwa sahansitra kien ghamel uzu minn procedura fejn fuq il-karta ta' l-identita' kienu zdiedu l-kliem 'k.a. Leo Busuttil'. Matul is-snin baqa' jaghmel uzu minn dan l-isem u l-kunjom u ma sabx diffikulta' kemm socjalment u professjonalment. Jghid li l-iskumdita' u l-inkonvenjent kienet tohrog meta jidhlu l-applikazzjonijiet ufficjali fejn kien ikollu jaghti spjegazzjoni. Qal li issa huwa jinsab f'fazi ta' hajtu li qed jahseb ghal passi kbar bhal zwieg u li jkollu tfal u ghalhekk kienet ix-xewqa tieghu li jghalaq dan il-kapitolu li holoqlu stress u frustrazzjoni f'hajtu.

Illi l-attur ipprezenta numru ta' dokumenti tul perjodu ta' zmien li lkoll jindikaw l-isem u l-kunjom tieghu bhala dak ta' Leo Busuttil u mhux bhala dak ta' Munir Al Faitoury Busuttil. Din il-Qorti tirrileva li fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020 (ara verbal a fol. 53 tal-process) hija kienet ezentat lill-attur milli jtella x-xhieda sabiex jikkonfermaw il-kopji unikament ghac-certifikati mahruga mid-Direttur intimat u mhux b'referenza ghad-dokumenti l-ohra li gew ipprezentati fl-atti. Madanakollu, din il-Qorti wara li fliet bir-reqqa d-dokumenti pprezentati ma tarax li ghandha ghalfejn tiddubita mill-awtenticita' taghhom. Dawn id-dokumenti huma s-segwenti:

i. Kopja ta' kuntratt tax-xoghol datat 11 ta' Novembru, 2016 u addendum datat Ottubru, 2017 tal-kuntratt datat 3 ta' Jannar, 2017 entrambi mal-Island Hotels Group a fol. 9 *et seq* tal-process fejn l-attur gie ndikat bl-isem u l-kunjom ta' Leo Busuttil;

ii. Kopja ta' kuntratt tax-xoghol datat 21 ta' Mejju, 2013 mal-Banif Bank (Malta) p.l.c. (C 41030) a fol. 12 *et seq* tal-process fejn l-attur

gie ndikat bhala Leo Busuttil;

iii. Kopja ta' ittra ta' konferma datata 15 ta' Jannar, 2017 mibghuta mill-Jobsplus a fol. 16 tal-process fejn l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

iv. Kopja ta' FS3 datata 31 ta' Dicembru, 2017 tax-xoghol li huwa kellu mal-Island Hotels Group a fol. 17 tal-process minn fejn jirrizulta li l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

v. Kopja tac-certifikazzjoni fil-'Banking and Financial Services' datat 15 ta' Lulju, 2011 mill-Institute of Financial Services Malta a fol. 18 tal-process fejn l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

vi. Kopja tac-certifikazzjoni f''Digital Marketing' mid-Digital Marketing Institute a fol. 19 tal-process fejn l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

vii. Kopja tac-certifikazzjoni f''Banking and Financial Services' mill-MCAST datat Novembru, 2011 a fol. 26 tal-process li jindika lill-attur bhala Leo Busuttil;

viii. Kopja tal-VISA card mahruga mill-BNF Bank p.l.c u kopja tac-cheque book mahrug mill-istess bank a fol. 21 tal-process fejn l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

ix. Kopja tal-Global Capital rigward Private Clinic Scheme tal-Corinthia Plus u kopja tal-membership card tas-St John Ambulance (Malta) a fol. 22 tal-process li lkoll jindikaw l-attur bhala Leo Busuttil;

x. Kopja ta' estratt ta' artikolu tat-Times of Malta datat 6 ta' Gunju, 2018 a fol. 23 tal-process li gie miktub minn l-attur innifsu u fejn ffirma bhala Leo Busuttil;

xi. Kopja minn estratti tal-profil fuq l-media socjali fosthom Instagram, Facebook u Linkedin a fol. 24 tal-process fejn l-attur huwa ndikat bhala Leo Busuttil;

xii. Kopja ta' ritratti f'attivitajiet socjali a fol. 25 tal-process fejn l-attur gie ndikat bhala Leo Busuttil;

xiii. Kopja ta' referenza ta' Kurt Borg a fol. 26 tal-process, ta' l-Avukat Dottor Joseph M. Sammut a fol. 27 tal-process, ta' Jacqueline Busuttil a fol. 28 tal-process, ta' Kenneth Sacco a fol. 29 tal-process fejn ilkoll iddikjaraw li jafu lill-attur bhala Leo Brincat;

xiv. Kopja ta' invit ta' tieg a fol. 30 tal-process fejn l-attur gie ndikat bl-isem ta' Leo;

xv. Kopja tal-visiting card tal-attur tal-lukanda Radisson Blu Resort, San Giljan fejn huwa ndikat bhala Marketing Executive a fol. 32A u fejn l-attur huwa ndikat bhala Leo Busuttil[1].

Illi in vista tal-provi suespost u nvista li d-Direttur intimat fir-rigward irrimetta ruhu, din il-Qorti tqis li tressqu provi sufficjenti sabiex jissodisfaw lil din il-Qorti li r-rikorrenti ilu ghal zmien twil maghruf bl-isem ta' Leo u mhux b'dak indikat fic-certifikat tat-twelid tieghu Munir u ghalhekk ser tghaddi sabiex tilqa' l-korrezzjoni fl-isem.

[1] Permezz ta' digriet datat 16 ta' Frar 2021 l-isem ghandu jaqra Leo Brincat minflok Leo Busuttil.

**<u>Korrezzjoni tal-kunjom minn 'Al Faitoury Busuttil' ghal 'Busuttil':</u>**

Illi l-konvenut Direttur tar-Registru Pubbliku, fl-eccezzjoni preliminari ecceppixxa li l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) jaghti biss lok ghal korrezzjonijiet fl-ismijiet u mhux fil-kunjomijiet salv ghal rizultat ta' zball genwin. Specifikatament fuq il-korrezzjoni tal-kunjom, fis-sitt punt tal-eccezzjonijiet tieghu oggezzjona ghat-talba stante li l-kunjom li l-attur assuma mit-twelid ma jirrizultax li nghata lilu bi zball.

Illi jibda billi jinghad li ghalkemm l-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) isemmi biss isem u mhux ukoll kunjom, huwa ormai assodat bil-gurisprudenza nostrana, illi l-Qrati m'ghadhomx japplikaw l-ligi b'rigorozita' stretta u qeghdin jigu awtorizzati korrezzjonijiet fil-kunjom jekk jintwera li kien rizultat ta' zball genwin. Ir-raguni primarja ghalfejn il-korrezzjoni tal-kunjom hija aktar imprekattiva minn dik tal-isem hija proprju minhabba l-interess pubbliku u dana stante li kambjamenti f'kunjom jista johloq pregudizzju lejn interess ta' terzi. Di fatti hekk inghad fis-sentenza **John Zammit maghruf bhala John Edward Zammit Pace -vs- Direttur tar-Registru Pubbliku** deciza mill-Qorti ta' l-Appell nhar it-2 ta' Marzu, 1994 fejn gie ritenut illi:

> '… Dan huwa fil-fatt wiehed mill-iskopijiet principali li jservi ghalih ir-Registru Pubbliku, u cjoe' li jkun hemm mod kif terzi li jridu jikkontrattjaw ma certu individwu jkunu f'posizzjoni li jaghmlu ricerka fuq dak l-individwu b'mod kemm jista jkun komplet, u kien propju minhabba dan l-interess tal-pubbliku, u fis-sentenza kkwotata mill-attur tal-

> 31 ta' Ottubru 1930, Maclean gia' Abdilla vs Notario Salvatore Cremona, l-Qorti ddecidiet, anke wara li laqghet it-talba, li spejjez ta' l-attur, kellu l-annotament jigi ppublikat fil-Gazzetta tal-Gvern fi zmien 15-il gurnata; Il-Qorti infatti qalet hekk:- "*Ordina all'attore – a maggior cautela dell'interesse dei terzi – che un aviso venga anche pubblicato, a spese di esso attore entro giorni quindici, nella Gazzetta di Governo indicante la presente decizione con referenza all'avviso gia pubblicat*".'

Illi fil-kaz odjern jirrizulta li l-attur mat-twelid tieghu gie registrat bl-isem u bil-kunjom ta' Munir Al Faitoury. Sussegwentement l-attur kien uzufruwixxa bil-Formula T fejn ai termini tal-Artikolu 4 sub-artikolu 3 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) kien intavola din hekk imsejjha 'Dikjarazzjoni ta' wild fiz-zwieg li twieled qabel is-7 ta' Awwissu 2007 dwar uzu ta' kunjom', fejn mal-kunjom 'Al Faitoury' kien zied kunjom xbubit ommu 'Busuttil' sabiex b'hekk l-attur sar maghruf bil-kunjom ta' 'Al Faitoury Busuttil' (ara kopja tal-formula a fol. 5 tal-process). Difatti jekk tinghata harsa lejn l-Att tat-Twelid tal-attur a fol. 44 tal-process bin-numru ta' iskrizzjoni 4948 fis-sezzjoni 'Annotazzjonijiet' hemm annotat li l-attur fit-18 ta' Dicembru, 2015 ghamel uzu minn din il-procedura. Ghalhekk effettivament l-attur huwa gja maghruf bil-kunjom Busuttil u li qed jintalab li jsir huwa t-tnehhija tal-kunjom Al Faitoury.

Illi a skans ta' ripetizzjoni din il-Qorti taghmel ampja referenza ghad-diversi dokumenti li gew prezentati in atti u li referenza ghalihom saret aktar il' quddiem. Din il-Qorti tinnota li l-attur ilu fuq numru ta' snin tista' tghid sa minn meta kien ghadu tifel maghruf bil-kunjom wahdu ta' Busuttil u effettivament jekk il-korrezzjoni tigi awtorizzata kull ma jkun qieghed isir huwa li tigi

rregolarizzata s-sitwazzjoni tal-attur f'interess tieghu u tat-terzi. Dan qieghed jinghad peress li filwaqt li ufficjalment l-attur huwa maghruf bl-isem u bil-kunjom ta' Munir Al Faitoury Busuttil, fil-hajja kwotidjanja, dik skolastika kif ukoll dik lavorattiva l-attur huwa maghruf bil-kunjom wahdu ta' Busuttil. Din il-Qorti tqis li jekk l-attur jithalla fis-sitwazzjoni prezenti, l-interess tat-terzi jkun aktar qieghed pregudikat milli jekk din il-Qorti tawtorizza t-tibdil rikjest u l-attur jigi maghruf anki fid-dokumentazzjoni tal-awtoritajiet bil-kunjom wahdu ta' Busuttil. Ghaldaqstant din il-Qorti fic-cirkostanzi tqis li huwa fl-ahjar interess kemm tal-attur kif ukoll fl-interess pubbliku in generali li l-attur jigi rikonoxxut li jgorr biss il-kunjom ta' Busuttil wahdu u ghalhekk il-Qorti ser tghaddi sabiex tilqa' wkoll din it-talba.

Stante izda li l-korrezzjoni mitluba ma tirrizultax minn xi zball da parti tad-Direttur intimat il-Qorti taqbel li l-intimat m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza odjerna.

**Decizjoni:**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza billi tghaddi sabiex tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti kif isegwi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u ai termini tal-Artikolu 253 sub-artikolu 2 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) tiddikjara li l-isem tal-attur ilu maghruf bih, konsistentement tul hajtu hu dak ta' 'Leo Busuttil' u mhux 'Munir Al Faitoury' jew 'Munir Al Faitoury Busuttil';

2. Tilqa' t-tieni talba u tordna li jigi effettwat it-tibdil relattiv dwar l-isem tar-rikorrenti sabiex minn 'Munir Al Faitoury' jew 'Munir Al Faitoury Busuttil' l-istem jigi sostitwit ghal 'Leo' filwaqt li l-kunjom jigi korrett ghal 'Busuttil' biss b'tali mod li tali tibdil jigi effettwat fl-Att tat-Twelid bin-numru ta' iskrizzjoni 4948 tas-sena 1990 kemm taht il-kolonna ismijiet moghtija, kif ukoll taht il-kolonna tal-isem li ghandu jigi msejjah bih.

Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Bl-ispejjez kollha a kariku tal-attur.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**15 ta' Dicembru, 2020**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**15 ta' Dicembru, 2020**